## STATUT TAS-SOĊJETÀ TAR-RADJOGRAFI MEDIĊI (SRM)

### ISEM

1. Aħna, membri professjonali fl-arti u x-xjenza tar-radjografija medika nemmnu bis-sħiħ u bi dritt nħaddnu membri oħrajn f'soċjetà li għandha tkun magħrufa bħala **SOĊJETÀ TAR-RADJOGRAFI MEDIĊI (MALTA)** fil-qosor **SRM**.

### UFFIĊJU PRINĊIPALI

2. L-uffiċju prinċipali ta' l-SRM ikun:

127, The Professional Centre, Sliema Road, Gzira GZR1633, Malta

### ILSIEN

3. L-ilsien Malti jkun l-ilsien uffiċjali ta' l-SRM għalkemm ilsna oħra jistgħu jintużaw jekk u kif ikun meħtieġ.

### GĦANJIET

4. L-għanjiet prinċipali tas-Soċjetà huma:

a. Li taħdem għall-avvanz tax-xjenza u l-prattika fir-radjografija, radjotherapija u x-xjenzi oħra b'konnesjoni magħhom.

b. Li kontinwament tipprovdi taħriġ ta' kull livell f'din id-dixxiplina. Is-Soċjetà għalhekk hija involuta fl-edukazzjoni kontinwa tal-membri tagħha.

ċ. Li tinkoragixxi u tiffaċilita kommunikazzjoni bejn radjografi u gradi oħra f'kull settur tas-saħħa.

d. Li tħares is-saħħa tal-membri tagħha fl-ambjent tax-xogħol.

### PRINĊIPJI

5. Is-Soċjetà u l-membri fi ħdana, biex jesegwixxu l-għanijiet msemmija f'artiklu 4, jridu jaġixxu b'dawn il-prinċipji:

a. Is-Soċjetà hija bbażata fuq il-prinċipju tat-tmexxija mill-Konferenza Ġenerali.

b. Il-membri kollha, biex jiżguraw id-drittijiet u benefiċji mogħtija lilhom b'riżultat tal-menswalità, iridu b'rieda tajba jħarsu l-obligazzjonijiet assunti minnhom skond dan l-istatut preżenti.

ċ. Is-Soċjetà b'dikjarazzjoni m'hiex organiżazzjoni governattiva u tippreserva l-indipendenza professjonali tagħha.

d. Is-Soċjetà ma tagħmel l-ebda distinzjoni ma' membri ta' razza, twemmin reliġjuż u/jew politika differenti.

e. Is-Soċjetà m'hiex organiżazzjoni bi skop ta' qliegħ u hi reġistrata mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji (VO 648)

f. Manjieri etiċi u professjonali huma mistennija b'obbligu mingħand kull membru fi ħdan is-soċjetà.

## SĦUBIJA

6. Jistgħu japplikaw għas-sħubija bħala membri ta' l-SRM dawk kollha li huma **'STATE REGISTERED RADIOGRAPHERS' mal-Council for the Professions Complementary to Medicine (CPCM)**.

7. Biex persuna tissieħeb fis-SRM trid:

a. tkun tikkwalifika biex tapplika għas-sħubija skond l-artiklu sitta (6) ta' dan l-istatut.

b. Timla l-applikazzjoni ta' sħubija skond l-ewwel skeda annessa ma' dan l-istatut u tħallas ir-rata tad-dħul skond l -artiklu ħdax (11) ta' dan l-istatut, u

ċ. Tkun aċċettata bħala membru mill-Kumitat Eżekuttiv. Membru jista' jiġi rrifjutat mill-Konferenza Ġenerali. Kull membru jkollu tessera ta' sħubija, liema tessera trid tintwera kull meta mitluba fl-attivitajiet ta' l-SRM.

8. Min ma jiġix aċċettat bħala membru jikun jista' jappella minn din id-deċiżjoni lill-Konferenza Ġenerali. Appell f'dan is-sens isir billi żewġ membri ta' l-SRM jiktbu ittra lis-segretarju ta' l-SRM u fiha jispjegaw il-każ. Il-każ jigi ppreżentat fl-ewwel Konferenza Ġenerali li jkun imiss issir.

9. Id-data ta' l-aċċettazzjoni ta' l-aplikażżjoni għas-shubija skond l-artiklu sebgħa (7) ta' dan l-istatut tkun meqjusa bħala l-bidu tas-sħubija u tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-membri.

10. Wara li jissieħeb, kull membru għandu jħallas regolarment il-menswalità.

11a. Persuna tiġi aċċettata bħala membru fl-SRM meta din tħallas il-menswalità kurrenti kif stipulata mill-Kumitat Eżekuttiv

11b. Reviżjoni għall-miżati ġodda, mill-Kumitat Eżekuttiv, għandhom jiġu approvati fil-Konferenza Ġenerali Ordinarja, liema reviżjoni ssir skond il-ħtiġijiet kurrenti tas-Soċjetà.

12. Jekk persuna, wara li tirreżenja minn membru, jew għal xi raġuni oħra tkun itterminat is-sħubija tagħha fl-SRM terġa' tapplika biex tissieħeb fl-SRM, il-Konferenza Ġenerali, jekk taċċetta l-applikazzjoni ta' sħubija mill-ġdid, torbot lill-persuna li tkun qed tapplika b'garanzija li tħallas lill-SRM il-flus kollha dovuti lilha mill-persuna konċernata jekk ikun il-każ.

13. Jekk membru ma jħallasx il-menswalità fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-avviż ta' ħlas mingħand it-teżorier, irid japplika mill-ġdid bħala membru.

14. Studenti Radjografi u nies oħra interessati fl-arti u x-xjenza tar-radjografija jistgħu jissieħbu fis -soċjetà bħala Membri Assoċjati.

15. Ir-rata tas-sħubija ta' membri assoċjati tkun bejn tletin fil-mija (30%) u ħamsin fil-mija (50%) inqas minn dak stipulat f'artiklu ħdax (11a) u jkun jinkludi biss il-menswalità.

## ORGANI

16. L-Organi ta' l-SRM huma:

- Konferenza Ġenerali, Ordinarja jew Straordinarja,
- Kumitat Eżekuttiv,
- Kumitat jew Kummisjonijiet *'ad hoc'* maħtura mill-Konferenza Ġenerali jew mill-Kumitat Eżekuttiv f'din l-ordini ta' supremazija.

17. Is-Soċjetà ma tagħmel l-ebda distinzjoni fuq l-elegibiltà ta' rġiel u nisa li jipparteċipaw b'kull kapaċità u taħt kundizzjonijiet ta' ugwaljanza fl-organi kollha tas -Soċjetà.

## KONFERENZA ĠENERALI

18. Il-Konferenza Ġenerali tkun komposta mill-membri kollha ta' l-SRM, li jkollhom id-dritt li jattendu, jipproponu materji għad-diskussjoni, u jivvutaw, u dan kemm-il darba jkunu ħallsu l-meswalità.

19. Il-membri assoċjati tas-Soċjetà kif ukoll studenti m'għandhomx id-dritt għall-vot.

20. Il-Konferenza Ġenerali tiltaqa' b'mod ordinarju darba fis-sena, fl-istaġun tal-Ħarifa (bejn il-wieħed u għoxrin ta' Settembru u l-għoxrin ta' Diċembru), biex tikkonsidra:

a. Il-ħatra ta' 'chairperson', deputat u tellers biex imexxu l-laqgħa Ġenerali u l-elezzjonijet tal-Kumitat Eżekuttiv.

b. Il-minuti tal-Konferenza Ġenerali preċedenti, u

ċ. Ir-rapport amministrattiv dwar il-ħidma ta' l-SRM fl-aħħar tnax-il xahar.

d. Ir-rapport finanzjarju dwar kull finanzi oħra amministrati mill-SRM, għas-sena ta' qabel, liema rapport ikun awditjat, u

e. L-elezzjonijiet ta' l-uffiċjali ta' l-SRM skond il-provediment ta' dan l-istatut, liema elezzjonijiet isiru darba kull sentejn.

f. L-elezzjonijiet tar-rappreżentanti tat-taqsimiet fil-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM skond il-provedimenti ta' dan l-istatut.

g. Il-ħatra ta' żewġ awdituri minn fost il-membri ta' l-SRM qabel kull Konferenza Ġenerali biex jawditjaw ir-rapport finanzjarju ta' l-SRM għas-sena ta' wara, kif ukoll biex jawditjaw ir-rapporti dwar kull finanzi oħra amministrati mill-SRM, u

h. Emedi għal dan l-istatut, u

i. Mozzjonijiet imressqa mill-membri, u

j.Il-ħatra ta' tliet persuni, jiġifieri chairperson u żewġ membri biex ikunu bord ta' appell f'każijiet ta' dixxiplina, u

k. Kwistjonijiet urġenti li ma jkunux fl-aġenda, sakemm dawn isegwu l-proċedura stabilita ta' dan l-istatut.

21. Il-Konferenza Ġenerali tiltaqa' b'mod straordinarju:

a. Kull meta msejħa mill-Kumitat Eżekuttiv.

b. Fuq talba ta' mhux anqas minn sittin fil-mija (60%) tal-membri msieħba li jkunu ħallsu regolarment il-menswalità, liema talba ssir liċ-'Chairperson'.

22. Il-Konferenza Ġenerali jkollha s-setgħa li xxolji l-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll li tneħħi uffiċjal jew uffiċjali jew membru jew membri tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM. Jekk il-Konferenza Ġenerali jkollha quddiemha talba għal xoljiment tal-Kumitat Eżekuttiv u din it-talba tiġi milqugħa, il-Konferenza Ġenerali tgħaddi immedjatament u bi priorità għal affarijiet oħra li jkun hemm fuq l-aġenda biex taħtar il-Kumitat Eżekuttiv gdid.

23. Il-membri kollha ta' l-SRM jkunu infurmati bl-aġenda tal-Konferenza Ġenerali, kemm meta din tiltaqa' b'mod ordinarju kif ukoll meta din tiltaqa' b'mod straordinarju. Fl-aġenda l-membri jkunu infurmati b'dawk l-affarijiet li jkunu ser jiġu kkunsidrati mill-Konferenza

Ġenerali, kif ukoll bid-data jew dati, ħin jew ħinijiet u post jew postijiet li fih jew fihom tkun ser issir il-Konferenza Ġenerali.

24. F'każ ta' Konferenza Ġenerali Ordinarja, l-aġenda tintbagħat bil-posta elettronika jew fl-indirizz postali ta' kull membru, li jkun l-indirizz li l-membru jkun niżżel fl-applikażżjoni ta' sħubija, jew f'dak l-indirizz ġdid li bih il-membru kkonċernat ikun informa bil-miktub lis-Segretarju ta' l-SRM.

25. L-aġenda skond l-artiklu erbgħa u għoxrin (24) ta' dan l-istatut trid tintbagħat lill-membri kollha ta' l-SRM (kemm dawk li ħallsu l-menswalità u kemm dawk li jkunu lura f'dan il-ħlas) mill-inqas għaxar ġranet (10) ta' xogħol qabel ma tibda tiltaqa' l-Konferenza Ġenerali.

26. Fil-każ ta' Konferenza Ġenerali straordinarja l-membri ta' l-SRM ikunu infurmati bl-aġenda ta' l-anqas jumejn (2) qabel ma tibda tiltaqa' l-Konferenza Ġenerali.

27. Fl-aġenda li tintbagħat lill-membri ta' l-SRM skond l-artiklu erbgħa u għoxrin (24) ta' dan l-istatut, il-membri jkunu mistiedna biex, sal-ġurnata stabbilita mill-Kumitat Eżekuttiv, li iżda ma tkunx aktar tard minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel ma tibda tiltaqa' L-Konferenza Ġenerali, jibagħtu lis-Segretarju ta' l-SRM, fl-indirizz prinċipali ta' l-SRM,

   a. Proposti għal emendi għal dan l-istatut,

   b. Mozzjonijiet.

28. Kull proposta għal emenda għal dan l-istatut, kull mozzjoni u kull nominazzjoni għall-elezzjonijiet skond l-artiklu tlieta u sittin (36) ta' dan l-istatut trid tkun iffirmata minn żewġ membri ta' l-SRM li jkollhom il-menswalità tagħhom regolarment imħallsa.

29. Kwistjonijiet urġenti li ma jkunux fuq l-aġenda jiġu kkunsidrati mill-Konferenza Ġenerali, kemm jekk ordinarja kif ukoll jekk straordinarja, kemm-il darba min jipprponihom:

   a. Jinforma bl-intenzjoni tiegħu lis-Segretarju ta' l-SRM sa mhux aktar tard minn siegħa (1) qabel ma tibda l-Konferenza Ġenerali,

   b. Jinkiseb il-kunsens ta' żewġ terzi tal-membri preżenti fil-Konferenza Ġenerali immedjatament wara l-approvazzjoni tal-minuti.

30. L-aġenda tal-Konferenza Ġenerali titfassal mill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM u toħroġ taħt il-firma tas-Segretarju ta' l-SRM.

31. Talba għall-Konferenza Ġenerali Straordinarja meta ssir minn sittin fil-mija (60%) tal-membri li jkunu ħallsu l-menswalità trid issir liċ-'chairman' ta' l-SRM u trid tispeċifika b'mod ċar ir-raġuni għala tkun qed issir. It-talba trid tkun akkumpanjata mill-firem, l-ismijiet u l-indirizzi u n-numru tat-tessera tas-sħubija tal-membri li jagħmlu t-talba.

32. Il-Kumitat Eżekuttiv jigi infurmat bit-talba għall-Konferenza Ġenerali Straordinarja fi żmien ġimgħa minn meta ssir it-talba.

33. Il-kworum għall-Konferenza Ġenerali, kemm dik Ordinarja kif ukoll dik Straordinarja, ikun ta' kwart tal-membri li jkunu msieħħba u li jkollhom il-menswalità tagħhom regolarment imħallsa.

34. Il-Konferenza Ġenerali tibda x-xogħol tagħha fil-preżenza ta' kworum, jew nofs siegħa wara l-ħin avżat bin-numru tal-membri preżenti. Iżda:

a. Dan l-istatut ma jistax jiġi emendat jekk ma jkunx hawn il-preżenza ta' mil-inqas 20% tal-membri msieħba.

b. Mozzjoni dwar xoljiment ma tistax tiġi kkunsidrata, jekk mhux fil-preżenza ta' kworum.

35. Ir-regoli ta' proċedura tal-Konferenza Ġenerali (kemm Ordinarja kif ukoll jekk Straordinarja) jkunu skond it-tieni skeda annessa ma' dan l-istatut.

## KUMMISJONI ELETTORALI

36. Fl-aġenda li tintbagħat lill-membri ta' l-SRM skond l-artiklu erba' u għoxrin (24) ta' dan l-istatut, il-membri jkunu mistiedna ukoll biex, sa mhux aktar tard minn tnejn u sebgħin (72) siegħa qabel ma tibda tiltaqa' l-Konferenza Ġenerali jibagħtu lill-Kummisjoni Elettorali ta' l-SRM maħtura skond il-provedimenti ta' dan l-istatut, nominazzjonijiet għall-elezzjoni ta' l-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM, kif ukoll għall-'Council Member' fis-sena ta' l-elezzjoni tiegħu.

37. Il-formoli għan-nominazzjonijiet għall-elezzjoni u ta' l-uffiċjali u tal-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM tkun skond it-tielet skeda annessa ma' dan l-istatut.

38. Il-Kummisjoni Elettorali li tmexxi l-elezzjoni ta' l-Uffiċjali u l-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv kif ukoll tal-'Council Member', tkun maħtura mill-Kumitat Eżekuttiv li jkun ser itemm il-ħatra, u tiġi kkonfermata mill-Konferenza Ġenerali Ordinarja immedjatament wara l-approvazzjoni tal-minuti u qabel kwalunkwe materja oħra li tista' tinġieb għall-konsiderazzoni ta' l-istess Konferenza Ġenerali.

39. Il-Kummisjoni Elettorali ddum fil-ħatra għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar, u dan sakemm il-konferenza ma tiddeċidix xorta oħra.

40. Il-Kummisjoni Elettorali tkun komposta minn żewġ membri, ilkoll membri ta' l-SRM li jkollhom il-menswalità tagħhom imħallsa. Wieħed minn dawn il-membri jkun maħtur 'Chairperson" filwaqt li l-ieħor ikun Deputat Chairperson.

41. Ir-regoli dwar l-elezzjoni ta' l-Uffiċjali ta' l-SRM u l-membri l-oħra tal-Kumitat Eżekuttiv isiru mill-Kummisjoni Elettorali u jkunu kkonfermati mill-Konferenza Ġenerali skond l-artiklu għoxrin (20) ta' dan l-istatut. B'dan iżda li wara li dawn ir-regoli jkunu gew approvati għall-ewwel darba mill-Konferenza Ġenerali jkunu biss l-emendi għalihom li jkunu jinħtieġu l-approvazzjoni tal-Konferenza Ġenerali.

## KUMITAT EŻEKUTTIV

42. Il-Kumitat Eżekuttiv ikun kompost minn mhux anqas minn sebgħa' (7) membri u mhux aktar minn ħdax-il (11) membru li jkunu ġew eletti mill-Konferenza Ġenerali.

43. L-Uffiċjali ta' l-SRM ikunu President, Segretarju u Teżorier. Dawn l-Uffiċjali jiġu maħtura fl-ewwel laqgħa tal -Kumitat Eżekuttiv.

44. Il-Kumitat Eżekuttiv jkun jista' jaħtar minn ħdanu 'l dawk l-Uffiċjali li jkun hemm il-ħtiega għalihom.

45. Il-Kumitat Eżekuttiv:

a. Jieħu l-inizjattivi meħtieġa biex jitwettqu l-għanjiet ta' l-SRM kif imniżżla f'artiklu erbgħa (4) ta' dan l-istatut,

b. Jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jesegwixxi d-deċiżjonijiet tal-Konferenza Ġenerali,

ċ. Jieħu l-miżuri meħtieġa biex jirrappreżenta lill-SRM kemm f'korpi nazzjonali kif ukoll f'korpi internazzjonali,

d. Iwaqqaf, jiġbor fondi għal u jamministra l-SRM,

e. Fejn ikun il-każ, jittieħdu passi dixxiplinarji kontra membri ta' l-SRM,

f. Jaħtar konsulenti ta' l-SRM skond kif jidhirlu xieraq u meħtieġ, u jistieden lil dawn il-konsulenti għall-laqgħat ta' l-organi ta' l-SRM kull meta jidhirlu xieraq u meħtieġ.

g. Jiddetermina l-proċeduri tiegħu nnifsu,

h. Jagħmel dawk ir-regolamenti li jkunu meħtieġa għall-aħjar twettiq ta' dan l-istatut, u

i. Jinterpreta dan l-istatut u r-regolamenti li jsiru bis-saħħa tiegħu.

46. Il-Kumitat Eżekuttiv jiltaqa' ta' l-anqas darba fix-xahar fuq aġenda maħruġa mis-Segretarju ta' l-SRM.

47. Il-Laqgħat tal-Kumitat Eżekuttiv isiru biss fil-preżenza tal-kworum.

48. Il-President jew is-sostitut tiegħu u erba' membri oħra tal-Kumitat Eżekuttiv jiffurmaw il-kworum tal-Kumitat Eżekuttiv.

49. Id-deċiżjonijiet kollha tal-Kumitat Eżekuttiv jittieħdu b'maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti u li jivvutaw.

50. Il-Kumitat Eżekuttiv għandu jiltaqa' jekk tlieta mill-membri tiegħu jagħmlu talba bil-miktub għal dan il-għan. It-talba ssir lis-Segretarju u għandha tispeċifika b'mod ċar ir-raġuni li għaliha tkun qed issir it-talba. Is -Segretarju għandu jsejjaħ il-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv skond dan l-artiklu fi żmien tlett (3) ijiem minn meta jirċievi t-talba. Meta tissejjaħ laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv skond dan l-artiklu, minkejja dak ipprovdut fl-artiklu tmienja u erbgħin (48) ta' dan l-istatut, il-kworum biex issir il-laqgħa jkun ta' ħames membri. F'każ li f'din il-laqgħa l-President kif ukoll is -sostitut tiegħu (jekk appuntat) ma jkunux preżenti, japplika *mutatis mutandis* il-provediment ta' l-artiklu erbgħa u ħamsin (54) ta' dan l-istatut.

51. Jekk membru tal-Kumitat Eżekuttiv ma jattendix il-laqgħat ta' l-imsemmi kumitat għal tliet darbiet migħajr ma jagħti raġuni valida, li tiġi aċċettata mill-Kumitat Eżekuttiv, dan awtomatikament ma jibqax membru tal-Kumitat Eżekuttiv.

52. Meta membru tal-Kumitat Eżekuttiv jirreżenja jew jispiċċa minn membru ta' dan il-Kumitat, membru ieħor jiġi co-opted mill-Kumitat Eżekuttiv. Dan f'każ li ma tkunx saret elezzjoni fil-Konferenza Ġenerali preċedenti. F'każ li tkun saret din l-elezzjoni, jintagħżel dak / dik il-membru li jkun imissu, skond l-għadd tal-voti.

## UFFIĊJALI

53. Il-President ta' l-SRM għandu jmexxi l-laqgħat kollha tal-Kumitat Eżekuttiv skond ir-regoli ta' proċedura fis-seħħ.

54. Jekk waqt il-laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv, kemm il-President kif ukoll is-sostitut tiegħu jkunu assenti, il-membri li jkunu preżenti jagħżlu minn fosthom persuna oħra biex tmexxi temporanjament dik il-laqgħa.

55. Is-Segretarju jkun responsabli biex imexxi x-xogħol ta' l-SRM skond kif inhu mfisser f'dan l-istatut, kif ukoll skond kif jiddeċiedu l-Konferenza Ġenerali u l-Kumitat Eżekuttiv

minn żmien għal żmien. Huwa jippreżenta l-Konferenza Ġenerali r-rapport amministrattiv ta’ l-SRM wara li dan ikun ġie approvat mill-Kumitat Eżekuttiv.

56. Is-Segretarju jkun responsabbli għaż-żamma tal-minuti, għad-dokumenti ta’ l-SRM u għall-amministrazzjoni ta’ l-uffiċju prinċipali ta’ l-SRM.

57. It-Teżorier jamministra l-fondi ta’ l-SRM skond id-direttivi li jiġu mogħtija milll-Konferenza Ġenerali u / jew mill-Kumitat Eżekuttiv ta’ l-SRM. In partikolari huwa jżomm il-kotba finanzjarji ta’ l-SRM u jkun responsabbli għall-ġbir tal-menswalità. Huwa jżomm lista aġġornata tal-membri ta’ l-SRM li jkunu ħallsu l-menswalità. It-Teżorier jkun responsabbli wkoll biex jissorvelja dawk il-finanzi l-oħra kollha li l-SRM tkun fdatu bl-amministrazzjoni tagħhom.

58. It-Teżorier jippreżenta lill-Konferenza Ġenerali rapport finanzjarju ta’ l-SRM, liema rapport ikun mill-ewwel ta' Novembru ta' dik is-sena sal-aħħar t' Ottubru tas-sena ta' wara. Dan ikun ġie approvat mill-Kumitat Eżekuttiv ta’ l-SRM u awditjat mill-awdituri maħtura apposta mill-Konferenza Ġenerali.

59. Il-fondi ta’ l-SRM għandhom ikunu depożitati f’bank lokali. F’dan il-każ iċ-ċekkijiet ikunu iffirmati mit-Teżorier u jkollhom ukoll il-kontrofirma tal-President.

60. It-Teżorier jawtorizza l-ħlasijiet kollha li jkun hemm bżonn sal-ammont ta’ mitt ewro (100 Ewro). It-Teżorier ikollu kontinwament u mhux izjed minn mitt ewro (100 ewro) bħala ‘petty cash’. Fuq ammonti akbar minn mitt ewro (100 Ewro) huwa jimxi fuq id-direttivi tal-Kumitat Eżekuttiv.

61. L-Uffiċjal għar-relazzjonijiet pubbliċi ta’ l-SRM ikun responsabbli biex jinforma lill-pubbliku bil-fehmiet ta’ l-SRM kif ukoll biex iżomm lill-SRM aġġornata dwar dak li jkun qed jingħad fuq il-mezzi kollha tal-komunikazzjoni soċjali.

62. Il-‘Council Member’ ikun responsabbli biex jinforma lill-Kumitat Eżekuttiv, minn żmien għal żħien, bl-attivitajiet tiegħu fi ħdan l-EFRS. Huwa għandu wkoll jippreżenta lill-Konferenza Ġenerali ta’ kull sena rapport tal-ħidma tiegħu fl-EFRS, wara li dan ikun ġie approvat mill-Kumitat Eżekuttiv.

63. Sakemm il-Kumitat Eżekuttiv ma jiddeċidix xorta oħra, il-President u s-Segretarju jkollhom f’idejhom ir-rappreżentanza legali ta’ l-SRM.

## DIXXIPLINA

64. Darba fis-sena, il-Konferenza Ġenerali għandha taħtar Bord ta’ Dixxiplina. Dan il-Bord li jdum fil-ħatra għal tnax-il xahar, ikun magħmul minn Chairperson u żewġ membri li t-tlieta jkunu membri ta’ l-SRM u jkollhom il-menswalità mħallsa regolarment. Il -Bord

ta' Dixxiplina għandu d-dritt li jsejjaħ konsulent/i biex jgħinuh u jigwidawh fil-każijiet mressqa quddiemu.

65. Il-Bord ta' Dixxiplina jiddeċiedi kull każ li jitressaq quddiemu mill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM, liema każ ma jistax jitressaq wara li jiskadu tlett (3) xhur minn meta jseħħu l-offiżi dixxiplinabbli.

66. L-ebda membru tal-Kumitat Eżekuttiv ta' l-SRM ma jista' jkun membru tal-Bord ta' Dixxiplina.

67. Min jitressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina jkollu d-dritt li:

a. Jagħżel persuna biex tassistieh,

b. Ikollu mhux anqas minn ħmistax (15)-il ġurnata żmien biex iħejji għad-difiża tiegħu, liema ħmistax (15)-il ġurnata jibdew jgħoddu minn dak il-jum li fih ikun infurmat bil-miktub bl-akkuża miġjuba kontrieh.

ċ. Jappella lill-Konferenza Ġenerali, liema appell irid jiġi ppreżentat fi żmien għaxart ijiem (10) minn meta jkun mgħarraf bid-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina.

d. Ebda deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina ma tiġi mħaddma sakemm jinqata' l-appell jekk ikun hemm. Id-deċiżjoni tal-Konferenza Ġenerali tkun finali.

68. Il-Kumitat Eżekuttiv ikollu d-dritt li jagħmel regolamenti li jkunu jispeċifikaw:

a. L-offfiżi dixxiplinabbli,

b. L-piena applikabbli fil-każ li xi offfiża partikolari tigi ppruvata,

ċ. L-offfiżi li dwarhom, jekk ppruvati li saru minn membru ta' l-SRM, huwa jista' jitkeċċa minn membru ta' l-SRM, u

d. Il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti mill-Bord ta' Dixxiplina.

69. Ma jkunu jistgħu jittieħdu ebda passi dixxiplinarji kontra membru ta' l-SRM jekk fil-mument li allegatament isseħħ l-offfiża, din ma tkunx offfiża dixxiplinabbli skond dan l-istatut u r-regolamenti li jsiru bis-saħħa tiegħu. F'kull każ, ma jkunu jistgħu jittieħdu l-ebda passi dixxiplinarji kontra membru ta' l-SRM jekk ikunu għaddew sentejn (2) minn meta saret l-allegata offfiża.

## XOLJIMENT

70. L-SRM tista' tiġi xolta biss b'deċiżjoni tal-Konferenza Ġenerali.

71. Xoljiment ta' l-SRM isir biss wara:

a. Mozzjoni b'dan il-għan tkun ġiet iċċirkulata bħala parti mill-aġenda tal-Konferenza Ġenerali.

b. Din il-mozzjoni tkun ġiet diskussa u deċiża fil-preżenza ta' kworum tal-Konferenza Ġenerali.

ċ. Il-mozzjoni tkun ġiet approvata minn mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri preżenti.

72. Mozzjoni dwar xoljiment trid tinkludi dettalji dwar x'għandu jsir mill-propjetà u l-fondi ta' l-SRM biex tkun valida.

73. F'każ li tiġi approvata mozzjoni ta' xoljiment skond dan l-istatut, il-Konferenza Ġenerali tgħaddi biex immedjatament taħtar minn ħdanha Kummisjoni ta' Amministraturi li tkun magħmula minn Chairperson u żewġ membri. Din il-Kummisjoni *ipso facto* li tiġi approvata bil-mozzjoni ta' xoljiment, tassumi l-amministrazzjoni ta' l-assi u l-fondi kollha ta' l-SRM u jħalluhom fl-istat li jkunu għat-tnax-il xahar ta' wara. Il-flus jiġu investiti b'mod li jħallu l-aħjar introjtu possibli. It-tliet membri jridu jiddeċiedu b'vot unanimu u jkunu kollettivament responsabbli għal kull transazzjoni li ssir.

74. Il-Kummisjoni ta' l-Amministraturi tamministra l-assi u l-fondi kollha ta' l-SRM għal perjodu ta' tnax (12)-il xahar mill-ħatra. F'għeluq l-imsemmija tnax (12)-il xahar, jekk ma tkunx ittieħdet inizjattiva skond l-artiklu erbgħa u sebgħin (74) ta' dan l-istatut, il-Kummisjoni wara li tillikwida l-assi kollha ta' l-SRM tgħaddi l-fondi kollha likwidi lill-għaqdiet ta' karità, tenut skond ix-xewqa espressa tal-Konferenza Ġenerali.

75. Jekk numru ta' persuni jiddeċiedu matul l-ewwel tnax (12)-il xahar wara li tkun ġiet approvata il-mozzjoni ta' xoljiment ta' l-SRM jiddeċiedu jerġgħu jwaqqfu l-SRM jew soċjetà oħra li fil-fehma tal-Kummisjoni ta' Amministrazzjoni tkun simili għall-SRM, il-Kummisjoni ta' Amministrazzjoni tgħaddi l-assi u l-fondi lill-SRM rikostitwita jew lis-soċjetà l-ġdida.

## ANNEX 1 – APPLIKAZZJONI TA' SĦUBIJA

## ANNEX 2 – IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KONFERENZA ĠENERALI

## ANNEX 3 - IL-FORMOLI GĦAN-NOMINAZZJONIJIET GĦALL-ELEZZJONI U TA' L-UFFIĊJALI U TAL-MEMBRI L-OĦRA TAL-KUMITAT EŻEKUTTIV TA' L-SRM

# ANNEX 1

# MEMBERSHIP APPLICATION FORM

## Personal Details

**Title** Mr / Mrs / Ms / Other _______

**Surname** ________________________ **Name**: ___________________________

**Gender** M / F **D.O.B.** ___________________________

**I.D. Card No** ________________________ **Nationality** _________________________

**Address:** ________________________________________________________________

____________________________________ **Post Code** __________________________

**Tel. No.** ____________________________ **Mob. No:** ____________________________

**Email:** ______________________________________

**CPCM state registration no.** __________________

**The SRM has a** facebook **Group.**

*If you would like the SRM to add you to its Facebook Group please provide us with the email that is registered with your Facebook account*

☐ Same as above

☐ Other ____________________________________________

**How would you prefer the SRM to contact you about activities and events that are organised: -**

☐ E-mail

☐ Facebook

☐ Postal Address

☐ Other _____________________________________________

## Qualifications

Please fill in title, awarding body and year of all relevant qualification(s)

e.g. Dip. Radiography, University of Malta, 2007

1. ______________________________________________
2. ______________________________________________
3. ______________________________________________

## Employment Details

Main employer__________________________________________

Department ______________________

Unit/Team/Section: ______________________

Job title / Grade: ______________________

## Membership

☐ Member (25 Euro / year) ☐ Associate Member (12 Euro / year)*

## Payment

**Membership payment for the year 20_ _ paid by**

☐ Cash

☐ Bank Transfer (we will send you our bank account details as soon as we get the form)

☐ Cheque (Bank: ______________, Cheque Number ________________ )

## Declaration

I, the undersigned, declare that all of the information supplied my be in conjunction with this application is correct and that in the event of my acceptance in to membership I will be governed by the rules, regulations and articles of the Society of Medical Radiographers, Malta as far as possible I will advance the objects of the Society. I understand that I may withdraw from the Society at any time by giving written notice and ensuring that my membership fees are paid up to date.

Signature ______________________ Date ________________________

**Data Protection Act**

*The Society of Radiographers, Malta does not release members' information to external organisations for marketing purposes. Personal information relating to members is held on a secure database by the Society in order to facilitate services to members.*

# ANNEX 2 (IT-TIENI SKEDA; ARTIKLU 35)

Regolamenti ta' proċedura għal-laqgħat tal-Konferenza Ġenerali

1. Il-Kumitat Eżekuttiv ikollu d-dritt li jistieden osservaturi għall-Konferenza Ġenerali.
2. Kull membru tas-SRM jista' jiġi mitlub biex jipproduċi provi li huma fil-fatt membru, kif ukoll li huwa għandu l-menswalita tiegħu imħallsa kollha, qabel ma jitħalla jidħol fis-sala fejn tkun ser issir jew tkun qed issir il-Konferenza Ġenerali.
3. Qabel ma tibda d-diskussjoni, iċ-Chairperson jew deputat tiegħu jista' jitlob lista tal-kelliema, iqassam u jillimita l-ħin tad-diskussjoni kemm jidhirlu xieraq u meħtieġ.
4. Bla ħsara għall-artikli 68 u 76 ta' dan l-istatut, sakemm ma jkunx hemm il-kunsens unanimu tal-Konferenza Ġenerali dwar is-sospensjoni ta' dan ir-regolament waqt Konferenza Ġenerali jiġi diskuss dak li jkun hemm fuq l-agenda biss ħlief għall-kwistjonijiet ta' urġenza kif ipprovdut fl-artiklu 29 ta' dan l-istatut, kif ukoll bla ħsara għal dak li hemm ipprovdut fir-regolamenti numru 11 u 14 ta' din l-iskeda.
5. Kull membru li jkollu l-menswalita' tiegħu mħallsa ikun jista jressaq emendi għall-mozzjonijiet għall-istatut li jkun hemm fuq l-agenda, kemm-il darba:
   a) L-emenda tkun fil-miktub
   b) L-emenda tkun iffirmata minn min ikun qed jipproponiha u moinn membru ieħor li jkollu l-menswalita tiegħu mħallsa
   c) Jgħaddi l-emenda iffirmata skont (a) u (b) liċ-chairperson sal-ħin li fih tibda l-Konferenza Ġenerali.
6. Meta tkun ser tiġi diskussa mozzjoni, jew emenda għall-istatut, iċ-chairperson jew deputat tiegħu:
   a) Jaqra l-mozzjoni jew l-emenda għall-istatut.
   b) Jitlob lill-proponent biex jispjegha f'ħin li ma jaqbiżx il-ħames minuti.
   c) Jaqra l-emendi li jkun irċieva s-segretarju skont ir-regolament 5 ta' din l-iskeda.
   d) Jitlob lill-proponent ta' kull emenda biex jispjegha f'ħin li ma jaqbiżx it-tlett minuti.
   e) Jistieden lil min irid jiddiskuti fuq is-suġġett tal-mozzjoni jew emenda għall-istatut biex jagħmel dan.
   f) Jirregola l-mod ta' kif isir il-"winding up" mill-ersuni kollha li jkollhom interess li jagħmlu dan.
   g) Iressaq għall-vot l-emendi, waħda, waħda, skont l-ordni li fiha jkun irċeviehom.
   h) Iressaq għall-vot il-mozzjoni jew emenda għall-istatut kif emendata.
7. Sakemm dan l-istatut ma jipprovdix xorta oħra, kull deċiżjoni tal-Konferenza Ġenerali tittieħed bl-approvazzjoni tal-maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u li jivvutaw.
8. Jekk membru wieħed jitlob li l-votazzjoni tkun sigrieta din issir b'dan il-mod.
9. Mozzjonijiet li jkunu fuq l-agenda jistgħu jiġu irtirati biss sakemm il-Konferenza Ġenerali taqbel li dan isir.
10. Iċ-Chairperson u d-deputat tiegħu għandu jżonn l-ordni waqt il-Konferenza Ġenerali. Għal dan l-iskop huwa jista jkeċċi lil xi membru mis-sala tal-Konferenza Ġenerali jekk dan ma jsegwix id-direttivi tiegħu jew ifixxkel l-andament tal-Konferenza Ġenerali.
11. Deċiżjoni ta' min jkun qiegħed jippresjedi tista' tiġi mibdula b'dan il-mod:
    a) Immedjatament wara li tingħata d-deċiżjoni tiġi ppreżentata mozzjoni ta' kontestazzjoni li tiġi kkunsidrata minnufih skont dan ir-regolament.
    b) Għaxar membri preżenti waqt il-Konferenza Ġenerali jindikaw li huma jappoġġjaw din il-mozzjoni ta' kontestazzjoni.

c) Jinbidel temporanjament min ikun qiegħed jippresjedi l-Konferenza Ġenerali, u dan skont il-provediment tal-istatut.
d) Jitkellem wieħed favur u wieħed kontra l-mozzjoni ta' kontestazzjoni.
e) Il-mozzjoni ta' kontestazzjoni tikseb l-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-membri preżenti u li jivvutaw.

12. L-ebda mozzjoni ma tista tiġi kkunsidrata aktar minn darba fl-istess Konferenza Ġenerali.
13. Ħadd ma jista' jitkellem aktar minn darba fuq l-istess mozzjoni jew emenda sakemm ma hemmx provediment kuntrarju ta' dan l-istatut.
14. Id-diskussjoni tieqaf tiġi ppreżentata u approvata mozzjoni illi <u>il-vot jista' issa jittieħed, jew il-Konferenza Ġenerali tgħaddi għall-punt li jmiss fuq l-agenda.</u> Mozzjonjiet bħal dawn jitressqu biss minn membri li jkunu għadhom ma tkellmux fuq din-mozzjoni. Fuq mozzjoni bħal din jitħallew jitkellmu wieħed favur u wieħed kontra biss minn min ikun qiegħed jippresjedi.
15. Meta membru jkun qed jitkellem, membri oħrajn ikunu jistgħu jitkellmu biss fuq punt ta' ordni jew spjegazzjoni personali.
16. Iċ-chairperson jew id-deputat tiegħu ikollu biss il-casting vote.

# ANNEX 3

## ELEZZJONI KUMITAT EZEKUTTIV SRM

Jiena, ________________________________________(SRM Mem No______) nixtieq nikkontesta l-elezzjoni ghal-kumitat ezekuttiv tas-Socjeta tar-Radjografi Medici. Jien qieghed nigi ssekondat minn dawn il-membri.

### MEMBRU 1:

Isem ________________________ Firma________________Mem. No____

### MEMBRU 2:

Isem ________________________ Firma________________Mem. No____

### KONTESTANT

Fima tal-kontestant: _________________________ Data: ________________

Mwassla lil- _____________________________ Data: ________________